# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tat-22 laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016, fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assent)<br>Is-Sur Anthony Gatt<br>Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **<u>L-Uffiċċjal</u>** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Neil Spiteri |

Għat-tnejn u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti ċ-*chairperson* Dott. Francesca Zarb, is-Sinjura Helen Montebello u s-Sur Anthony Gatt. Is-Sur Lino Camilleri kien assenti.

Is-Sindku ta' Birkirkara s-Sinjura Joanne Debono Grech kienet assenta skużata.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

### 1. Talba

Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

### 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 21

Il-minuti tal-laqgħa numru 21 tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sinjura Helen Montebello ssekondat u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 3. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

Ma kienx hemm kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirriżultaw mill-minuti.

## 4. *Matters Arising*

Iċ- *Chairperson* Dott. Francesca Zarb ilmentat illi l-karozzi tal-linja tar-rotot 58 u 58A jgħaddu biss kull siegħa u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jilmenta ma' TM forsi imqar jibdew jgħaddu kull nofs siegħa.

Is-Sur Anthony Gatt qal illi meta jibdew jikinsu Triq Fleur De Lys fis-6am, jagħmlu ħafna ħsejjes bil-magni li jkollhom.

Is-Sinjura Helen Montebello qalet illi fi Triq Vlontin hemm bżonn isir *upgrade* ta' partijiet minn xi bankini għax huma perikolużi

## 5. Aġġornament

Il-laqgħa spiccat fil-5.30pm u ġiet aġġornata sine die.

**IFFIRMATA**

Dott. Francesca Zarb

*Chairperson*

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv